# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IT-TIENI KTIEB TA' L-1934

## POEŻIJA TAGĦNA.

*The poetry of a people takes its life from the people's speech.*
T. S. ELIOT.

Il-bniedem ma jgħixx bil-ħobż biss: meta hu sab l-ikel u xaba', jiġifieri, meta tà lill-ġisem dak li hu lilu meħtieġ għall-ħajja materjali, iħoss il-bżonn ta' ikel li ma jitmiegħedx bis-snien u jmur fl-istonku, iżda li jidħol fil-moħħ u fil-qalb, u jnissel u jżomm il-ħajja tar-ruħ.

In-Natura, dejjem tal-għaġeb fit-taqsim, fit-tiżwiq u fil-proporzjon tagħha, ma' ġenb ir-raba' fejn imewweġ iż-żara' u jiżahru l-oqsma tas-siġar tal-frott, tifrex twapet tal-ward, ward ta' kull daqs, ta' kull għamla, ta' kull lewn, ta' kull fwieħa; għaliex, jekk iż-żara' jrabbilna l-ħobża bnina u tas-saħħa, il-ward jagħtina d-dija u l-għaxqa tal-ġmiel: u kif dik ixxaba' lill-ġisem, hekk dan iserraħ u jwettaq lir-ruħ.

Hekk ukoll fil-letteraturi tan-nazzjonijiet. Ma' ġenb ix-xjenza pratka li taħseb għall-bżonnijiet tal-ġisem fil-ħajja tiegħu—u tixbah lis-siġar tal-frott—hemm ukoll il-POEŻIJA, li nistgħu nsejħulha l-ġnien letterarju, għaliex hi teżisti biex tagħti lir-ruħ dak is-sens ta' għaxqa, ta' hena, ta' ferħ, li ma jiġina qatt mix-xjenza pratka.

Issa, biex il-poeżija ta' poplu tkun tas-sew il-ħobż tar-ruħ tiegħu, jeħtieġ li tkun poeżija TAL-POPLU, jigifieri, maħsuba minnu u miktuba fil-lsien magħruf u mitkellem minnu : għaliex, kif il-warda hi dejjem bint l-art fejn titwieled, jew fejn titraqqad, hekk il-poeżija hi dejjem bint il-qalb li minnha toħroġ; u l-qalb ta' poplu l-ebda kelma ma tista' tfissirha sewwa ħlief il-kelma tiegħu.

Il-poeżija ta' poplu tieħu l-ħajja mill-ilsien tiegħu, li min-naħa l-oħra jistgħana u jisbieħ bil-poeżija li titnissel minnu, Il-poeżija tagħna—bint qalbna—titlob il-kelma tagħna. Il-Poeżija miktuba f'ilsna barranin ma tista' qatt tkun POEŻIJA TAGĦNA,